KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Għawdex - Malta

**Minuti tat-23 laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tnejn 11 ta' Awwissu, 2014 u li bdiet fl-4.15 p.m.**

<u>Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-</u>

| | |
|---|---|
| <u>Sindku :</u> | Is-Sur Philip Vella |
| <u>Viċi Sindku :</u> | Is-Sinjura Frances Galea |
| <u>Kunsillieri :</u> | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| <u>Uffiċċjali</u> | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| <u>Ambaxxatur/riċi:</u> | Il-post hu vakanti |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-laqgħa bdiet fl-4.15 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, inqraw l-Minuti tal-laqgħa ta' qabel, Nru.22 – 8 u dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill.

Il-Kunsill qajjem diskussjoni dwar trinka tad-drenaġġ li kienet saret fi Triq il-Kbira fejn hemm il-ġibjun bl-isem Ġnien il-Vittmi tal-Gwerra 1942. Il-Kunsill kien infurmat mir-residenti li meta saret din it-trinka ġie mgħoddi pajp extra li jwassal għal bokka tal-ġibjun li ta dan il-Kunsill Lokali għandu r-ritratti. Il-Kunsill talab sabiex tintbgħat ittra b'Avukat sabiex il-kuntrattur li għamel dan ix-xogħol u għadda dan il-pajp żejjed jinqala' u jerga jagħti resurfacing li din it-trinka fit-triq kif suppost.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li beda x-xogħol ta' resurfacing bit-tarmak fuq Triq l-10 t'Ottubru 1942 u Triq Pisoniano (PPP) u nforma li ser jitkissru xi bankini minħabba t-twessieħ tat-triq u dawn ser jerġgħu jiġu mibnija mill-istess kuntrattur. Il-materjal għal dawn il-bankini ser jiġi provdut mis-CMU. Is-Sindku qal li xi residenti li joqgħodu f'dawn it-toroq qed jilmentaw bil-problema tal-pressa baxxa tal-ilma u li l-vultaġġ tad-dawl mhux stabbli. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lil Water Services Corporation u l-Enemalta dwar dawn l-ilmenti.

**Giochi Senza Frontieri**

Il-laqgħa ġiet sospisa fil-4.35 p.m. biex saret taħdida u spjegazzjoni dwar korrispondenza mis-Sur Joe Louis Xiberras dwar il-Giochi Senza Frontieri.

Fil-4.40 p.m., is-Sur Xiberras ħareġ mill-kamra tal-laqgħat u l-laqgħa tkompliet.

Il-Kunsill Lokali ddiskuta u qabel ma dan il-logħob għaż-żgħażagħ ta' bejn il-15 u l-25 sena u li din l-attivita' għandha ssir fil-Pjazza Santa Margerita. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Bajada ser jieħdu ħsieb din l-attivita' billi jsibu l-parteċipanti mill-lokal. Kif kien spejgat mis-Sur Xiberras wieħed mill-organizzaturi dawn għandhom isibu 4 timijiet komposti minn 4 persuni u f'kull tim għandu jkun hemm partecipanta żgħażugħha femminili. Dan il-logħob għandu jsir nhar it-Tnjen, 1 ta' Settembru 2014 bejn is-7.30p.m. u l-11.00p.m. It-tim rebbieħ imbgħad ser jipparteċipa ma lokalitajiet oħra f'Marsalforn fejn dak it-tim rebbieħ għandu xi premijiet fosthom tablets, vawċers mill-Arkadia u vawċers mill-Odessy Bar & Restaurant nhar il-11 ta' Settembru 2014. Il-prezz mitlub mill-organizzaturi għal din l-attivita' hu ta' €500 fejn ser jaħsbu għal kollox huma minnbarra l-egħluq tal-pjazza u s-servizz tal-gwardjan lokali. Il-Kunsill qabel li ssir din l-attivita'.

**Miss Sannat Teen 2014**

Il-Kunsill qabel li għandha toħroġ l-applikazzjoni għal kontestanti tfajliet żgħażagħ ta' bejn it-13 u d-19-il sena għal dan il-konkors. Il-konkors ser ikun jikkonsisti f'5 titloli bħas-sena l-oħra li huma Miss Sannat Teen 2014, Miss Personality, Miss Photogenic, Miss Best Effort u Miss Public Opinion. Għal din l-attivita għandu jintalab il-permess mill-Kap tal-iskola biex isir fis-sala tal-iskola Profs. Guze' Aquilina nhar il-Ġimgħa 19 ta' Settembru 2014, fit-8.00 p.m.

**Rock Legends**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed jipprova biex l-attivita' kulturali bl-isem ġdid Rock Legends flok dik ta' Notte Scarlatta issir is-Sibt 18 ta' Ottubru 2014. Għal din l-attivita' l-Kunsill irċieva biss 2000 ewro mill-iskema tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali skond Memo 25/2013. Il-Kunsill jixtieq li jkollu aktar finanzi biex din l-attivita' tkun ta' suċċess u għalhekk għandu jikteb lill-Ministeru għal Għawdex biex jara kif jista jgħin biex il-Kunsill ikun jista jġib grupp ta' kantant/a/i popolari waqt din l-attivita.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Fuq talba u x-xewqa tar-residenti Ta' Sannat, is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie mitlub li terġa ssir mawra ma Għawdex bit-trejn peress li meta saret f'Lulju kien hemm min ma laħaqx post. Il-Kunsill qabel ma dan u ddeċieda li din id-dawra ssir nhar l-Erbgħa 3 ta' Settembru 2014 fis-7.30 p.m. u tgħaddi minn Triq il-Kbira għal Triq Ta' Ċenċ u tibda d-dawra tagħha mill-Pjazza Santa Margerita għal madwar postijiet nteressanti f'Għawdex.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li beda x-xogħol mill-Water Services Corporation ta trinka tal-ilma ġdida għal ġibjun il-kbir Ta' Ċenċ minn Triq tal-Gruwa li ser tibqa sejra għar-raħal tal-Qala. Is-Sindku qal li din it-triq ma tistax titbaxxa minħabba li s-servizzi jinsabu qrib xulxin. Ir-residenti ta Triq tal-Gruwa ilhom għal diversi snin jitolbu li jiġi mkabbar il-water culvert minħabba l-problema tal-ilmijiet tax-xita. Il-Kunsill talab biex il-Perit jgħamel servej biex jara kif dan il-water culvert jkun jista jikber u xi spejjeż jinvolvi.

3. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bord tal-għażla tal-Offerta Nru 02/2014 tar-Resurfacing ta' Triq Bardan bil-konkos b'impatt ambjentali (M125) ntgħażlet l-aktar offerta vantaġġjuża dik ta' Road Construction Ltd., għall-prezz ta' €20515.99. Il-Perit tal-Kunsill kien ibbaġitja €23,570.50 għal dan il-proġett. Dan ġie approvat mill-EAFRD, għalhekk il-Perit għandu jiġi mitlub sabiex tiġi rranġata l-bid tal-bill of quantities tat-Tender ta' Road Construction Ltd., biex ma tintilifx id-differenza tal-ammont mitlub oriġinarjament. Din it-triq trid tkun lesta sal-aħħar ta' Settembru 2014. Għandu jintalab lil Water Services Corporation u lil Enemalta biex il-Kunsill jivverifika jekk hux għaddej xi servizz minn naħa ta dawn l-entitajiet f'din it-triq.

4. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ltaqgħu fl-ufficcju tal-Kunsill mall-Key Location Manager tal-film bl-isem "By the Sea" li qed jinħadem minn atturi ta' fama nternazzjonali Angolina Jolie u Brad Pitt bl-akbar parti fil-bajja pittoreska ta' Mġarr ix-Xini bil-konsegwnza li din l-bajja ser tingħalaq mit-18 ta' Awwissu sal-ewwel ġimgħa ta' Novembru 2014. Is-Sindku qal li tkellem miegħu dwar id-donazzjoni li qed joffri l-Kummissarju tal-films. Is-Sindku flimkien mall-Kunsillieri qallu li hu mhux qed jaċċetaw din id-donazzjoni meta l-bajja qed tkun magħluqa fl-aqwa tal-istaġun tas-sajf għal Għawdxin u dawk kollha li jiffrekwentaw din il-bajja u li qed jiċċaħdu milli jgħamlu użu mill-bajja ta' Mġarr ix-Xini li hija fil-konfini tar-raħal Ta' Sannat. Il-Kunsill ser jitlob li ssir laqgħa oħra miegħu dwar din id-donazzjoni biex din id-donazzjoni tintuża bl-aħjar mod għal ġid fil-lokal. Il-Kunsill qabel ma dan.

**Komunikazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv**

1. Is-Segretarju Eżekuttiv reġa nforma lill-Kunsill li s-Sinjorina AnnMarie Gauci – Ambaxxatriċi tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat spiċċat mill-kariga peress li fix-xahar tal-Lulju għalqet it-tmintax–il sena, għalhekk reġa fakkar lill-Kunsill biex jaħseb għal persuna oħra. Il-Kunsill rringrazzja lis-Sinjorina AnnMarie Gauci għal kontirbut li tat fil-kariga tagħha. Il-Kunsill ser jara minn ser ikun is-sostitut tas-Sinjorina Gauci.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsill li l-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Ta' Sannat huwa fuq bażi back to back. Hu nforma lil Kunsill, li dan ġie spjegat ukoll lill-Iskrivana tal-Kunsill. Huwa qal ukoll li d-Dipartment talab feedback dwar din il-materja. Il-Kunsill iddeċieda li jirrevoka din is-sejħa ta' Uffiċjal Eżekuttiv u joħroġ mill-ġdid sejħa għal post ta' Skrivan/a.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għandu bżonn l-għajnuna fix-xogħol tal-accounts biex jiġu entratti u preparati r-rapporti. Hu ssuġġerixxa lil kumpanija JCA Limited li dawn minn dejjem kienu jgħinu lil Kunsill f'dan il-qasam tax-xogħol. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab kwotazzjoni minn għand l-accountant dwar kemm hi l-ispiża.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kompjuter tal-iskrivana għandu bżonn upgrade b'Windows 7 Professional. Il-Kunsill qabel ma dan.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill rigward il-life streaming tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali u li l-Kunsill bħalissa għandu żewġ websites. Waħda dik uffiċjali u l-oħra tal-Bidwi Park u li l-istreaming tal-laqgħat se jiġu streamed fuq www.sannat.gov.mt dik uffiċjali. Il-Kunsill qabel li dawn il-websites għandhom jiġu linked.

**Komunikazzjoni tal-Kunsillieri**

1. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-Kunsill irċeviex invit għal pontifikal tal-Ħadd tal-festa ta' Santa Margerita mill-parroċċa tar-raħal, jekk le hi ddikjarat li mhix ser tissaportja nnizjattivi organizzati mill-parroċċa. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li ma rċeviex.

2. Il-Kunsillier Bajada nforma lill-Kunsill li fi Triq Saguna il-ġewwa ħafna fejn inbnew blokk appartamenti ġodda saret trinka u hi perikoluża għaliex it-triq mhix asfaltata. Il-Kunsill Lokali irid jara eżatt jekk din it-triq hiex privata.

**Korrispondenza**

1. Imejl mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-program u l-applikazzjonijiet dwar European Mobility week. Il-Kunsill qabel li mhux ser jipparteċipa.

2. Imejl mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Proġett pilota u kwestjonarju dwar Performance Management fil-Kunsilli Lokali (Memo 16/2014) kofinanzjat minn Norveġija permezz tan-Norway Grants 2009-2014 u l-Gvern ta' Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal lil Kunsill li wieġeb dan il-kwestjonarju u li hu u s-Sindku attendew għal seminar fuq dan ir-rigward.

3. Imejl mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-iskema Aċċessibilita+. Is-Sindku staqsa dwar l-applikazzjoni jekk il-kunsill kienx ser jieħu xi flus minn din l-iskema. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li din hi kompetizzjoni u li l-Kunsill irid jiffinanzja l-proġett skond l-applikazzjoni u jekk il-proġett jirbaħ il-Kunsill jirċievi l-premju.

4. Imejl mill-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar laqgħat informattivi b'xejn rigward l-effiċjenza tal-enerġija effettiva.

5. Is-Sur Mario Pace kien iltaqa' mall-Kunsill u spjega kif ser isir l-istudju kull fażi dwar kif għandu jsir ix-xogħol fuq it-3D tal-pumping station fil-wied ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel ma dan biex il-quddiem meta l-Kunsill jiġi bżonn dan il-materjal jkun jista' jużaħ.

6. Imejl mill-Uffiċju tal-Karta tal-Identita' dwar il-bdil ta' din il-karta fejn talbu lill-Kunsill biex ikun jista jqassam leaflet bl-informazzjoni dwar dan it-tibdil. Il-Kunsill ma qabilx li dawn il-leaflets għandhom jitqassmu mill-Kunsill.

Memos tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali

| | |
|---|---|
| 21/2014 | Dokumenti preżentati waqt il-laqgħat tal-Kunsill |
| 22/2014 | Migrazzjoni għall-akkwist elettroniku |

**Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti**

1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista ta' pagamenti Numru 9 (annessa mall-minuti). Il-Kunsill approva dawn il-pagamenti.

**Data għall-laqgħa oħra**

Il-laqgħa spiċċat *sine die* fis-6.40p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**